# Indikaturi Ġenerali għal Assessjar Inkluživ

## Preamblu

L-assessjar inklużiv huwa mod kif wieħed jagħmel l-assessjar f’livelli hekk imsejħa normali, jew *mainstream*, fejn il-politika u l-prattika ta’ din l-istess politika jkunu tali li jippromwovu t-tgħallim ta’ safejn hu possibbli l-istudenti kollha. L-għan aħħari ta’ assessjar inklużiv hu li l-politika ta’ assessjar u proċeduri applikati jgħinu u jtejbu l-parteċipazzjoni b’suċċess u l-inklużjoni tal-istudenti kollha.

Hawn taħt għandek issib serje ta’ indikaturi ‘ġenerali’ u prikondizzjonijiet assoċjati magħhom li kien hemm qbil fuqhom bħala li huma kruċjali f’assessjar inklużiv. Dan il-qbil sar minn rappreżentanti minn 25 pajjiż li ħadu sehem fi proġett tal-Agency li dam sejjer tliet snin. Dan il-proġett bl-isem ta’ Assessjar f’Ambjenti Inklużivi wieħed jista’ jsibu f’: A*ssessment in Inclusive Settings:* http://www.european-agency.org/site/themes/assessment/index.shtml

Hawnhekk ġew identifikati seba’ livelli ta’ indikaturi ġenerali li jinkludu fihom nies, strutturi u oqfsa ta’ politika li tista’ tiġi mwettqa. Dawn il-livelli huma: studenti, ġenituri, skejjel, timijiet ta’ assessjar multidixxiplinarju, politika u leġiżlazzjoni. Għal kull wieħed mil-livelli nsibu propost indikatur ġenerali – stqarrija, li fil-qofol tagħha tiddeskrivi kundizzjoni ewlenija għall-implimentazzjoni ta’ assessjar inklużiv.

Barra mill-indikatur ġenerali, ġew identifikati wkoll għadd ta’ ‘prikondizzjonijiet.’ Dawn huma kundizzjonijiet hekk magħrufa bħala ta’ ‘ordni aktar ’l isfel’ minn dawk li semmejna aktar ’il fuq li wieħed għandu jara li jwettaq jekk tassew irid li l-indikatur ġenerali jiġi tassew implimentat.

Dawn l-indikaturi ġenerali ġew żviluppati bħala gwida biex jassiguraw politika varja ta’ assessjar, proċeduri u prattika inklużiva kemm jista’ jkun. Kif inhuma fil-preżent, dawn għandhom il-għan biex jintużaw bħala għodda ta’ riflessjoni u reviżjoni aktar milli biex tinġabar xi data għal xi għanijiet ta’ monitoraġġ.

Huwa maħsub li dawn l-indikaturi potenzjalment jistgħu jkunu ta’ użu fil-monitoraġġ ta’ żviluppi u tibdil fil-moda. Madankollu, kull wieħed mill-indikaturi ġenerali kif ukoll il-prikondizzjonjiet ikunu jinħtieġu aktar modi kif jiġu mwettqa fil-prattika biex b’hekk l-evidenza neċessarja li jkun hemm bżonn biex jintwera l-progress lejn l-għanijiet għal assessjar inklużiv ikunu ċċarati.

## **Indikaturi ġenerali għall-Istudenti**

L-istudenti kollha jkunu involuti u jkollhom l-opportunitajiet li jinfluwenzaw l-assessjar tagħhom u l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-miri tat-tagħlim tagħhom.

*Prikundizzjonijiet*

- Wieħed isib medda ta' strateġiji u għodod użati fil-klassijiet biex jgħinu lill-istudenti jipparteċipaw fl-assessjar tagħhom infushom, jissettjaw miri u jiżviluppaw strateġiji u ħiliet metakonjittivi.

- Dawk kollha li għandhom sehem fil-proċess edukattiv jaqblu li l-għan tal-assessjar ta' l-istudent/a jkun iffukat fuq miri speċifiċi u realistiċi li jwasslu għal titjib fit-tgħallim.

- L-għalliema jħaddmu metodi biex jagħtu feedback dwar -tgħallim li jkun f'postu u li jimmotiva lill-istudenti individwali.

- Ikun hemm strutturi/mekkaniżmi li jgħinu lill-istudenti biex jikkontribwixxu għal livell ta' xogħol ta' assessjar u ppjanar fil-klassi u l-iskola kif ukoll bħala xogħol ta' timijiet ta' assessjar multidixxiplinarji.

## **Indikaturi Ġenerali għall-Ġenituri**

Il-ġenituri jkunu involuti u jkollhom opportunitajiet biex jinfluwenzaw il-proċeduri ta' assessjar li jinvolvu lil uliedhom.

*Prikondizzjonijiet*

- Il-ġenituri għandhom id-dritt li jitolbu li uliedhom jiġu assessjati kif ukoll li jirrifjutaw jew jaċċettaw ir-riżultati ta' dan l-istess assessjar.

- Il-ġenituri jkunu involuti fl-iżvilupp, it-twettiq u l-evalwazzjoni tal-miri tat-tagħlim ta' wliedhom.

- Ikun hemm strutturi/mekkaniżmi li jgħinu lill-istudenti biex jikkontribwixxu għal livell ta' xogħol ta' assessjar u ppjanar fil-klassi u l-iskola kif ukoll bħala xogħol ta' timijiet ta' assessjar multidixxiplinarju.

- Fil-livelli kollha inklużi dawk tal-policies tal-iskola, tal-iskola nnifisha, u tal-għalliema għandu jkun hemm ftehim ċar li r-rwol tal-ġenituri li jgħinu fl-aħjar użu possibbli biex tingħen l-inklużjoni, ikun mhux biss magħruf, iżda jingħata l-inkoraġġiment kollu neċessarju.

**Indikaturi Ġenerali għall-Għalliema**

L-għalliema jużaw l-assessjar bħala mod kif itejbu l-opportunitajiet għall-issettjar ta' għanijiet/miri għall-istudenti u għalihom infushom (f'relazzjoni ma' strateġiji ta' tagħlim effettiv għal studenti partikolari) u jipprovdu feedback fuq it-tgħallim lill-istudent/a kif ukoll lilhom infushom.

*Prikundizzjonijiet*

- Assessjar kontinwu għat-tgħallim għall-istudenti kollha huwa fir-responsabbiltà tal-għalliem/a tal-klassi.

- L-għalliema jifhmu li l-għan ewlieni tal-assessjar huwa li jiddetermina l-passi li jkun imiss fit-tgħallim u mhux biss biex iqabblu l-istudenti ma' normi stabbiliti minn barra jew studenti oħrajn.

- L-għalliema jużaw medda ta' strateġiji ta' assessjar li jgħinuhom biex ikunu jistgħu jagħtu 'feedback' motivanti u effettiv dwar it-tgħallim lill-istudenti u lil oħrajn b'mod li jagħmel sens.

- L-għalliema jirċievu taħriġ f'postu biex jużaw pjanijiet ta' assessjar, metodi u approċji li jidħlu fl-IEP tal-istudent/a, fil-pjan personalizzat jew xi għodda ta' issettjar ta' mira jew miri.

- Ikun hemm varjetà ta' għodod u metodi ta' assessjar għall-għalliema.

- L-għalliema jkollhom viżjoni ħolistika/ekoloġika tat-tgħallim tal-istudenti li fih jikkunsidraw l-aspetti tat-tgħallim akkademiku, soċjali, emozzjonali u ta' mġiba. Din il-viżjoni trid tagħti importanza lill-medda ta' kuntesti ta' tgħallim fid-dar u l-ambjenti tal-iskola, kif ukoll fil-kuntesti li fihom isir l-assessjar.

- L-assessjar fil-klassi jkun wieħed fil-forma ta' tim – li jinvolvi 'l-istudenti nfushom, il-ġenituri, il-familja, lil sħabhom, lil għalliema oħra tal-iskola, lill-istaff ta' sostenn, kif ukoll lit-tims tal-assessjar multidixxiplinarju kif ikun hemm bżonn.

**Indikaturi Ġenerali tal-Iskejjel**
L-iskejjel jimplimentaw pjan ta’ assessjar li jiddeskrivi l-għanijiet u l-użu, ir-rwoli u r-responsabiltajiet ta’ assessjar kif ukoll jippreżenta dokumentazzjoni ċara fuq kif jintuża l-assessjar biex isostnu l-ħtiġijiet diversi tal-istudenti kollha.

*Prikundizzjonijiet*

- Il-leaders tal-iskola huma responsabbli għall-monitoraġġ tat-tgħallim tal-istudenti kollha u jużaw l-evidenzi tal-assessjar mistħoqqa.

- L-iskola għandha l-awtonomija li torganizza lilha nnifsha bl-aħjar modi possibbli biex tippromwovi l-inklużjoni u l-assessjar inklużiv.

- Ikun hemm tmexxija ċara fejn jidħol l-assessjar inklużiv.

- Il-leaders tal-iskola jieħdu r-responsabbiltà li tilħaq bilanċ fil-proċeduri ta’ assessjar li jilħqu medda ta’ għanijiet: jindirizzaw it-tagħlim individwali kif ukoll f’monitoraġġ u evalwazzjoni.

- L-iskola jkollha lingwaġġ komuni fejn jidħol l-assessjar li jkun jintuża u jinftiehem mill-istudenti, il-ġenituri, l-għalliema u professjonisti oħra. Dan il-lingwaġġ jkun marbut ma’ sistemi ta’ skola biex jiġi rrikordjat u mmonitorat it-tgħallim b’tali mod li jtejjeb il-kwalità u l-effettività tal-iskola.

- Ikun hemm ippjanar mibni mill-iskola għat-tgħallim tal-istudenti kollha (akkademiku u soċjali) u assessjar li jkun – jekk ikun hemm bżonn – addattat għall-ħtiġijiet individwali tal-istudenti kollha.

- L-ippjanar mibni mill-iskola jadotta l-approċju tat-tim li attivament jinvolvi lill-istudenti, ġenituri u professjonisti oħra.

- Il-leaders tal-iskola jimmonitoraw il-proċessi ta’ assessjar biex jgħinu fix-xogħol ta’ assessjar tal-għalliema.

- Il-maniġers tal-iskola jipprovdu sostenn, ħin u flessibiltà għall-għalliema biex jimplimentaw assessjar għat-tgħallim u biex dak li jkunu tgħallmu jibdew iwettquh fil-prattika fil-ħajja tagħhom ta’ kuljum bħala għalliema.

- Il-leaders tal-iskola jorganizzaw u jagħtu jgħinu permezz ta’ kooperazzjoni xogħol f’tim neċessarju għal skop ta’ assessjar fost l-għalliema.

- Il-leaders tal-iskola jaħdmu biex jiżviluppaw relazzjonijiet ta' kooperazzjoni ma' skejjel u organizzazzjonijiet oħra bħalma huma l-universitajiet jew istituti ta' riċerka li jgħinu fil-qsim ta' informazzjoni dwar il-prattika tal-aħjar assessjar.

**Indikaturi Ġenerali għal Timijiet ta' Assessjar Multidixxiplinarju**

Timijiet ta' assessjar multidixxiplinarju – irrispettivament mill-kompożizzjoni professjonali jew il-membri tat-team – jaħdmu biex tissaħħaħ l-inklużjoni u l-proċessi tat-tagħlim u t-tgħallim għall-istudenti kollha.

*Prikundizzjonijiet*

- Timijiet ta' assessjar multidixxiplinarju huma responsabbli biex jgħinu fix-xogħol tal-għalliema tal-klassi biex jippromwovu t-tagħlim, it-tgħallim u l-inklużjoni.

- Fiż-żminijiet kollha r-responsabbiltà tat-tgħallim tal-istudenti u l-assessjar edukattiv tkun tal-għalliema fil-klassi u tal-iskejjel.

- It-timijiet tal-assessjar multidixxiplinarju jaħdmu mal-istudenti kollha biex isostnu t-tagħlim u t-tgħallim u l-inklużjoni, u mhux biss dawk l-istudenti li jkunu identifikati bħala li għandhom l-SEN.

- L-assessjar kollu jsir minn timijiet multidixxiplinarji direttament mat-tagħlim u t-tgħallim.

- It-timijiet ta' assessjar multidixxiplinarju jaħdmu biex jintlaħqu l-prinċipji tax-xogħol f'team u l-parteċipazzjoni mal-istudenti, il-ġenituri, l-għalliema u professjonisti oħra.

- L-assessjar li jsir minn timijiet ta' assessjar multidixxiplinarji jqisu lill-ambjent kollu tat-tagħlim tal-istudent/a, filwaqt li fl-istess ħin jagħtu każ tal-kuntest li fih l-assessjar ikun qiegħed isir.

- Timijiet ta' assessjar multidixxiplinarju jservu bħala 'multiplikaturi' tal-aħjar prattika billi jaqsmu bejniethom eżempji ta' metodi u għodod innovattivi eċċ.

- It-timijiet tal-assessjar multidixxiplinarju jaħdmu fil-pjanijiet tal-assessjar fl-iskejjel.

- Timijiet ta' assessjar multidixxiplinarju jaraw li jaddottaw approċji ta' assessjar f'dak li jkun qiegħed isir.

- Timijiet ta’ assessjar multidixxiplinarju jużaw meded diversi ta’ approċji u teknikajiet.

- Timijiet ta’ assessjar multidixxiplinarju jużaw strumenti ta’ assessjar li jsostnu lix-xogħol multidixxiplinarju ta’ esperti minn oqsma differenti billi jipprovdu lingwa li tkun komuni bejniethom u strateġija li tibni fuq il-kooperazzjoni.

**Indikatur Ġenerali għall-Politika ta’ Assessjar**
Il-politika ta’ assessjar u l-proċeduri ssostni u tgħin fl-inklużjoni b’suċċess kif ukoll fil-parteċipazzjoni tal-istudenti kollha inklużi dawk li jkollhom iċ-ċans li jaqgħu lura jew jiġu esklużi. Dan jgħodd ukoll għal dawk li għandhom l-SEN.

*Prikundizzjonijiet*

- Dawk li jagħmlu l-policies huma responsabbli biex jiżviluppaw politika ta’ assessjar li timmassimizza l-fatturi ta’ sostenn li jgħinu lill-inklużjoni għall-istudent/a individwali u l-ġenituri tagħhom fil-livelli tal-ġenituri, l-għalliema u l-iskola.

- Dawk li jagħmlu l-policies għandhom ir-responsabbiltà li jipprovdu strutturi ta’ fondi flessibbli li jsostnu l-implimentazzjoni ta’ politika ta’ assessjar li timmassimizza l-fatturi li jsostnu l-inklużjoni.

- Id-dokumentazzjoni tal-politika kollha dwar l-istudenti bl-SEN ikunu integrati fil-politika edukazzjonali ġenerali.

- Il-policies li jittieħdu huma ggwidati mill-pjanijiet ta’ assessjar reġjonali, li huma żviluppati minn dawk kollha li għandhom sehem fl-assessjar, dawk li bl-Ingliż jissejħu stakeholders.

- L-għan aħħari tal-policies tal-assessjar li huma speċifikati fil-policies kollha huwa li jsostnu t-tagħlim, it-tgħallim u l-progressjoni għall-istudenti kollha.

- Il-policies ta’ assessjar jassiguraw metodi ta’ assessjar li jkunu ‘tajbin skond l-għan’ u l-użu f’postu u proprju tal-metodi għandu jiġi mmonitorjat.

- Il-policies ta’ assessjar juru l-livell ta’ responsabbiltajiet li jkollu l-għalliem/a, l-iskola u t-tim multidixxiplinarju.

- Il-policies ta’ assessjar juru s-sostenn u t-taħriġ li jingħata lill-għalliem/a, lill-iskola u lit-tim multidixxiplinarju biex b’hekk il-livelli ta’ responsabiltajiet ikunu jistgħu jitwettqu.

- Is-sostenn u r-riżorsi li jingħataw lill-iskejjel u lill-għalliema bħala riżultat ta' policies ta' assessjar huma varjati u flessibbli.

- Il-monitoraġġ ta' standards edukattivi jagħmel użu minn varjetà ta' evidenza, u mhux biss informazzjoni ta' assessjar fuq l-istudenti.

- Il-policies ta' assessjar isostnu l-pċrinċipju ta' inklużjoni tal-istudenti li jkollhom l-SEN fl-inqas livell ristrett ta' ambjent.

- Il-policies kollha ta' assessjar jippromwovu viżjoni ħolistika/ekoloġika tat-tgħallim tal-istudent/a billi wieħed jagħti każ tal-fatturi ambjentali (fl-iskola u l-familja) kif ukoll il-ħiliet emozzjonali u soċjali flimkien mal-għanijiet tat-tgħallim akkademiku.

- Il-proċeduri kollha ta' assessjar huma disponibbli u aċċessibbli għall-istudenti kollha b'mod li jkunu addattati għall-ħtiġijiet partikolari tagħhom (eż. Braille, interpreturi eċċ.).

- L-assessjar kontinwu jkun marbut ma' kontenut u għanijiet ta' tgħallim speċifikati fid-dokumenti u l-programmi tal-kurrikulu.

- Il-policies ta' assessjar isegwu kemm hu possibbli bini ta' 'disinn universali' f'dik li hija flessibiltà u opzjonijiet li jkunu tajbin f'kemm jista' jkun medda wiesgħa ta' ħtiġijiet diversi.

- Il-policies ta' assessjar jipprovdu għarfien ta' assessjar summativ 'alternattiv' kif ukoll kwlaifika li jagħtu lill-istudenti bl-SEN iċ-ċans biex jidħlu fis-suq tax-xogħol.

- Il-policies ta' assessjar qegħdin hemm bil-għan li jnisslu u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni neċessarja mas-setturi tas-servizz (eż. servizzi soċjali u saħħa).

- Il-policies ta' assessjar jiffaċilitaw il-qsim ta' prattika tajba u riċerka ta' sostenn u żvilupp ta' għodod u metodi ta' assessjar ġodda.

- Il-policies ta' assessjar huma mmonitorjati skond l-impatt li jkollhom fuq il-ħtieġa ta' ugwaljanza fl-opportunità għall-istudenti kollha.

- Il-modifikazzjonijiet tal-policies tal-assesjar huma mminimizzati bl-evalwazzjoni tal-impatt ta' kwalunkwe polítika ta' assessjar ġdida fl-istadju tal-ippjanar.

## **Indikatur Ġenerali għall-Leġiżlazzjoni Edukattiva**
Leġiżlazzjoni ta’ assessjar tippromwovi l-implimentazzjoni effettiva ta’ assessjar inklużiv fiż-żminijiet kollha.

*Prikundizzjonijiet*

- Il-leġiżlazzjoni kollha li tikkonċerna studenti bl-SEN hija integrata fil-leġiżlazzjoni edukattiva ġenerali.

- L-għan mistqarr tas-sistema tal-assessjar huwa dak ta’ assessjar inklużiv għall-istudenti kollha.

- Filwaqt li l-leġiżlazzjoni tista’ tagħraf l-assessjar għal numru ta’ għanijiet – billi tindirizza tgħallim individwali kif ukoll evalwazzjoni u monitoraġġ – leġiżlazzjoni ta’ assessjar tippromwovi viżjoni ta’ assessjar bħala għodda għal tagħlim u tgħallim, mhux bħala għodda ta’ klassifikazzjoni, kontabibiltà jew allokazzjoni ta’ riżorsi.

- L-istudenti kollha għandhom id-dritt li jieħdu sehem fil-proċeduri tal-assessjar kollha b’mod li jkun jaqbel mal-ħtiġijiet personali individwali.

- L-istudenti kollha għandhom id-dritt għal assessjar kontinwu li jindirizza t-tagħlim u t-tgħallim.

- Il-proċeduri għall-identifikazzjoni inizjali ta’ SEN preskritta fil-leġiżlazzjoni huma strutturati b’mod li jindirizzaw it-tagħlim, it-tgħallim u l-intervenzjoni.

- Il-ġenituri u/jew il-kustodji għandhom id-dritt li jkunu involuti fl-assessjar kollu tat-tifel/tifla.

- Il-leġiżlazzjoni tassigura li l-politika, il-proviżjoni u s-sostenn huma konsistenti f’kull naħa tal-pajjiż jew reġjun li jkun.